

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Lulju 2011

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tas-Slovenja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tas-Slovenja, 2011-2014

(2011/C 217/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li tvarja strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, Ewropa 2020, imsejja fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politika ekonomika, li tiffoka fuq loqsma ewlenin fejn jeħtieġ azzjoni biex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u, fil-21 ta' Ottubru 2010 il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri⁽²⁾, li flimkien jiffurmaw il-"linji gwida integrati". L-Istati Membri ġew mistiedna jqisu l-linji gwida integrati fil-linji ta' politika nazzjonali ekonomiċi u dawk dwar l-impjiegi.

(3) Fit-12 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni adottat l-ewwel Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien il-bidu ta' ċiklu ġdid ta' governanza ekonomika fl-UE u l-ewwel semestru Ewropew ta' koordinazzjoni integrata u ex ante ta' politika, imsejjes fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

(4) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew endorsja l-prijoritajiet għall-konsolidazzjoni fiskali u r-riforma strutturali (bi qbil mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 2011 u b'żieda mal-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir mill-Kummissjoni). Dan saħaq il-ħtieġa li tingħata prijorità għat-treġġigħ lura ta' baġits tajbin u ta' sostenibilità fiskali, it-tnaqqis tal-qgħad permezz ta' riformi fis-suq tax-xogħol u li jsiru sforzi ġodda biex jittejjeb it-tkabbir. Talab lill-Istati Membri biex isarrfu dawn il-prijoritajiet f'miżuri konkreti li jiġu inklużi fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma.

(5) Fil-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Istati Membri parteċipi fil-Patt Euro Plus biex jippreżentaw l-impenji tagħhom fil-ħin għall-inklużjoni fil-Programmi ta' Stabbiltà jew ta' Konverġenza tagħhom u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom.

⁽²⁾ Miżmuma għall-2011 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/308/UE tad-19 ta' Mejju 2011 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 56).

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p.1.

- (6) Fit-18 u d-19 ta' April 2011, is-Slovenja ressqet l-aġġornament tal-Programm ta' Stabbiltà 2011 tagħha li jkopri l-perijodu 2010-2014 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tagħha. Sabiex jittqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (7) Fis-snin ta' qabel il-kriżi, is-Slovenja kienet tgawdi minn tkabbir ekonomiku, immexxi minn esportazzjonijiet u investment li kienu għaddejjin b'ritmu tajjeb. Minkejja dan, l-impatt tal-kriżi fuq is-Slovenja kien qawwi, b'telf ta' 8,1 % tal-PDG fl-2009 f'termini reali, li reġġa' lura parti mill-proċess li kienet għaddejjja minnu biex tlaħqat mal-pajjiżi l-oħra. L-interazzjoni ta' stabilizzaturi awtomatiċi, il-miżuri ta' rkupru u ż-żieda intrinsika qawwija fid-dinamika tan-nefqa flimkien wasslu biex minn 1,8 % tal-PDG fl-2008 id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika jilħaq is-6 % tal-PDG fl-2009 (b'livelli ta' dejn gross ta' 21,9 % tal-PDG u 35,2 % rispettivament). Is-suq tax-xogħol ireaġixxa wara perijodu konsiderevoli ta' żmien u l-impjiegi qed ikomplu bit-tendenza li jonqsu. Filwaqt li r-rata tal-qgħad għadha taħt il-medja tal-UE, din ir-reġistrat żieda qawwija mil-livelli tagħha ta' qabel il-kriżi ta' 4,4 % għal 7,3% fl-2010. Sa issa l-irkupru ekonomiku kien pjuttost bil-mod u mhux mistenni li jerġa' jaqbad ir-ritmu qabel l-2012 bi tkabbir stmat ta' 2,5 % tal-PDG.
- (8) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Programm ta' Stabbiltà aġġornat skont ir-Regolament (KE) 1466/97, il-Kunsill huwa tal-fehma li x-xenarju makroekonomiku sottostanti għall-proġettazzjonijiet tal-baġit tal-programm huwa plawsibbli għall-futur qrib, u favorevoli lejn l-aħħar tal-perijodu tal-programm. Fl-2010, il-programm jibda b'5,6 % tal-PDG u jippjana li jniżżel id-defiċit amministrazzjoni pubblika taħt it-3 % tal-valur ta' referenza tal-PDG sal-2013, billi jrażżan b'mod ġenerali in-nefqa primarja. Wara li jiġi kkorreġut id-defiċit eċċessiv, il-programm jipprevedi xi progress lejn, iżda mhux l-ilħiq, tal-oġettiv fuq terminu medju (OTM) ta' pożizzjoni baġitarja b'bilanċjata f'termini strutturali fil-perijodu tal-programm. Għalkemm l-OTM huwa stabbilit f'livell iktar ambizzjuż mill-programm preċedenti, ma jidherx li jiżgura progress mgħaġġel biżżejjed lejn sostenibbiltà fuq terminu twil tal-finanzi pubbliċi. Il-medja annwali tal-bidla fil-bilanċ strutturali tul il-perijodu 2010-2013, kif ikkalkulata mis-servizzi tal-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni fil-programm li ssewgi l-metodoloġija li dwarha kien hemm qbil komuni, hija ppjanata li tkun ta' madwar 0,5 punti perċentwali tal-PDG, taħt il-livell rakkomandat mill-Kunsill. Barra minn hekk, l-eżiti tad-defiċit u tad-dejn jistgħu ma jlaħħqux mal-miri. Huwa mistenni li jiġu adottati miżuri addizzjonali bħala parti mill-baġit supplementari sabiex tintlaħaq il-mira tad-defiċit għall-2011. Wara l-2011, il-programm ma jispeċifikax miżuri sabiex titrażżan in-nefqa u l-possibbiltà ta' operazzjonijiet addizzjonali ta' salvataġġ finanzjarju li jaffettwaw id-defiċit u d-dejn ma tistax tiġi eskluża.
- (9) Filwaqt li d-defiċit ġenerali tal-gvern naqas mill-2009 meta kien laħaq il-livell massimu, sfida ewlenija għas-Slovenja hija konsolidazzjoni ulterjuri lejn il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2013 u l-ilħiq tal-OTM minn hemm 'il quddiem. Skont l-istrateġija ta' konsolidazzjoni li ġiet segwita f'dawn l-aħħar snin, l-iffrankar ta' nefqa akbar previst fil-Programm ta' Stabbiltà għall-perijodu 2011-2014 jaffettwa l-iktar il-kont tal-pagi tas-settur pubbliku, it-trasferimenti soċjali (inkluż il-pensjonijiet) u l-investment pubbliku. Madankollu, il-Programm ta' Stabbiltà ma joffrix informazzjoni dettaljata dwar il-miżuri ppjanati wara l-2011. Fil-kuntest ta' baġit supplementari qed tittieħed iktar azzjoni korrettiva sabiex jint-laħaq id-defiċit għall-2011. Il-kredibbiltà tal-istrateġija ta' konsolidazzjoni fuq terminu medju tista' tittejjeb permezz tal-adozzjoni ta' miżuri li jrażżnu n-nefqa iktar strutturali – iktar milli l-interventi temporanji li kkaratterizzaw l-isforzi ta' konsolidazzjoni li saru dan l-aħħar – u permezz ta' qafas baġitarju iktar vinkolanti għal terminu medju. Il-Programm ta' Stabbiltà jikkonferma l-introduzzjoni ta' regola tal-infiq, iżda d-dispożizzjonijiet ewlenin, pereżempju dwar id-definizzjoni ta' nonkonformità, għad iridu jinħadmu. Fl-aħħar nett, l-effiċjenza fl-infiq li hija relattivament baxxa, pereżempju fil-kura tas-saħħa u fl-edukazzjoni, timplika li s-Slovenja tista' tistabbilixxi skop addizzjonali għal konsolidazzjoni bbażata fuq l-infiq mingħajr ma tikkomprometti l-kwalità tas-servizzi pubbliċi. Il-Programm ta' Stabbiltà jħabbar inizzjattivi lejn ir-razzjonalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u t-trasferimenti u l-introduzzjoni ta' sistema ta' akkwist pubbliku unifikata, għalkemm id-dettalji dwar uħud minnhom huma nieqsa.
- (10) L-impatt baġitarju tal-poplazzjoni li qed tixjieħ fuq terminu twil huwa b'mod sinifikanti ogħla mill-medja tal-UE. Barra minn hekk, ir-rati tal-parteċipazzjoni u tal-impjiegi għall-ħaddiema ikbar fl-età huma baxxi ħafna (36,5 % u 35 % filwaqt li l-medja tal-UE huma 49,7 % u 46,3 % rispettivament), l-iktar minħabba l-età baxxa tal-irtirar u nuqqas ta' inċentivi għal anzjanità attiva. Il-parlament dan l-aħħar adotta riforma tal-pensjonijiet, bl-għan li jgħolli l-età tal-irtirar, filwaqt li jippreżerva l-adeqgatezza tal-pensjonijiet. Skont il-Programm ta' Stabbiltà, dan għandu jstabbilizza l-infiq marbut mal-età sal-2030 u għalhekk dan għandu jkun l-ewwel pass importanti 'il quddiem sabiex tiġi indirizzata s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Din tressqet għal referendum fil-5 ta' Ġunju 2011 u ġiet irrifjutata. Il-problema tas-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet għadha teżisti u jeħtieġ li jinstantu mezz oħra ta' kif tista' tissolva. Skont l-aħħar valutazzjoni tal-Kummissjoni, ir-riskji fir-rigward tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi jidhru li huma għoljin.
- (11) Is-suq tax-xogħol huwa relattivament segmentat bejn il-forom ta' kuntratti: il-protezzjoni tal-impjiegi hija stretta għall-ħaddiema b'kuntratti permanenti meta mqabbla ma' dik mogħtija lill-ħaddiema b'kuntratti b'terminu fiss. L-ammont ta' ħaddiema zgħażaġh ta' età bejn il-15-24 sena li għandhom kuntratti temporanji inkluż "ix-xogħol tal-istudenti" huwa l-ogħla fl-UE (67 % fl-2009) u t-tranżizzjonijiet minn kuntratti temporanji għal permanenti tidher li hija relattivament diffiċli. Tentattivi preċedenti sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni rriżultaw insuffiċjenti. Il-gvern qed jippjana li jinnegozja mal-imsieħba soċjali reviżjoni tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet tal-Impjeg, bil-ħsieb li d-drittijiet u l-obbligi jiġu allinjati skont

tipi differenti ta' kuntratti tax-xogħol. Barra minn hekk, "ix-xogħol tal-istudenti" jikkostitwixxi suq tax-xogħol parallel imdaqas, fil-biċċa l-kbira tiegħu mhux regolat u ta' vantaġġ f'termini ta' taxxi. Din il-kwistjoni importanti mhijiex inkluża fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma minħabba l-fatt li r-referendum u l-preżentazzjoni tal-Programm saru fl-istess żmien.

- (12) Apparti s-segmentazzjoni, il-problemi strutturali fis-suq tax-xogħol tas-Slovenja huma dovuti wkoll għan-nuqqas ta' qbil bejn il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet, li huwa rikonoxxut fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jipprevedi investiment qawwi fit-taħriġ sabiex jittejjbu l-ħiliet u l-impjegabbiltà. Huwa jispjega fil-qosor il-pjanijiet sabiex tittejjeb iktar it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol, b'attenzjoni partikolari fuq il-forniment ta' servizzi ta' gwida għall-karrieri matul is-sistema edukattiva kollha. Il-programm jippjana li jimmodernizza s-servizz tal-impjieg bl-għan li l-ħiliet disponibbli u l-ħtiġijiet tas-suq ikunu allinjati aħjar. Madankollu, implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn ir-riformi tkun tirrikjedi sistema mtejba sabiex jiġu identifikati fil-ħin il-ħtiġijiet attwali u dawk proġettati tas-suq tax-xogħol.
- (13) It-tnaqqis fir-ritmu tal-ekonomija qed iħalli impatt fuq il-portafolji tas-self b'effett imdewwem u l-ammont li dejjem qed jikber ta' self bla redditu ilu jżid l-indeboliment tal-banek u l-kosti ta' provvediment. Iż-żewġ banek statali ewlenin ġew rikapitalizzati, li kien kruċjali. Il-gvern ippropona wkoll miżuri sabiex jgħaġġel l-irkupru ta' pretensjonijiet u sabiex jinċentiva teħid ta' self għal attivitajiet produttivi, sabiex jirrestawraw il-fluss tal-kreditu tal-ekonomija reali, għalkemm tista' tkun meħtieġa iktar azzjoni.
- (14) Ċertu segmenti tal-qasam tas-servizzi huma protetti mill-pressjonijiet kompetittivi u huma kkaratterizzati minn żidiet għoljin fil-prezzijiet u konċentrazzjoni għolja, li jżidu l-kost fl-ekonomija. Dan, flimkien mal-grad għoli ta' involviment tal-istat fl-ekonomija, u impedimenti oħra għan-negozju jżommu l-investiment barrani dirett (IBD) li hu potenzjalment ta' benefiċċju flivell relattivament baxx. Il-pjanijiet tas-Slovenja qed iħaffu l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, fejn kien hemm akkumulati konsiderevoli ta' dewmjet. Qed tippjana wkoll li tagħti indipendenza sħiħa lill-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni u li tidentifika investimenti kapitali statali adatti għall-bejgħ. Dawn il-pjanijiet mhumiex speċifikati fid-dettall u hemm riskji marbutin mal-implimentazzjoni.
- (15) Is-Slovenja ffirmat il-Patt Euro Plus. Filwaqt li l-Programm Nazzjonali ta' Riforma Sloven jindika impenji u miri possibbli fl-erba' oqsma tal-Patt Euro Plus jiġifieri li jitravmu l-kompettività u l-impjieg, li jkun hemm kontribut għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u li

tissaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja, ma ġie notifikat ebda impenn serju lill-Kummissjoni sas-7 ta' Ġunju 2011.

- (16) Il-Kummissjoni vvalutat il-Programm ta' Stabbiltà u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Hija qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fis-Slovenja u l-konformità mar-regoli u l-gwida tal-UE, fid-dawl tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jiġi pprovdut kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ilħuq tal-mira tad-defiċit għall-2011 stabbilita fil-Programm ta' Stabbiltà jirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali fil-kuntest ta' baġit supplimentari. Wara l-2011, hemm riskji għall-miri tad-defiċit u tad-dejn billi l-Programm ta' Stabbiltà ma jispesifikax miżuri sostenibbli sabiex irażżnu n-nefqa. Il-Programm Nazzjonali ta' Riforma jinkludi miżuri sabiex jirraġa s-settur finanzjarju, iżda dawn jistgħu ma jkunux ambizzjużi biżżejjed. Mill-valutazzjoni jidher ukoll li jeħtieġ li s-sorsi domestiċi għat-tkabbir jissaħħu, partikolarment billi tiżdied il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema żgħażaġh u dawk iktar kbar fl-età fis-suq tax-xogħol permezz tat-tnaqqis tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u t-nehhija tal-ispariġġi tal-ħiliet. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li tissaħħaħ il-kompetizzjoni u li jinfetħu l-opportunitajiet għall-investiment u t-tkabbir fis-settur tas-servizzi u fl-industriji li jużaw networks.
- (17) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, meta titqies ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009 skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill eżamina l-aġġornament tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2011 tas-Slovenja u l-opinjoni tiegħu⁽¹⁾ hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) tiegħu hawn taħt. B'kunsiderazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2011, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tas-Slovenja,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li s-Slovenja tieħu azzjoni fil-perijodu 2011-2012 biex:

1. Tilħaq il-mira tad-defiċit għall-2011, ikun hemm sostenn tal-mira tad-defiċit għall-2012 b'miżuri konkreti u timplimenta l-konsolidazzjoni neċessarja b'mod rigoruż, u tkun lesta tadotta miżuri addizzjonali sabiex jiġu evitati devjazzjonijiet possibbli. L-aġġustament meħtieġ ikun appoġġat matul il-perijodu tal-programm b'miżuri addizzjonali biex ikun żgurat l-isforz fiskali annwali medju f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv u progress adegwat lejn objettiv fuq terminu medju xieraq. Għal dan il-għan, tuża miżuri strutturali biex trażżan in-nefqa u tindirizza ineffiċjenzi identifikati u timplimenta qafas baġitarju fuq terminu medju li jkun aktar

⁽¹⁾ Prevista fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

- vinkolanti. Taċċellera t-tnaqqis tad-defiċit jekk il-kondizzjonijiet ekonomiċi jew baġitarji fil-fatt ikunu aħjar milli hu mistenni attwalment.
2. Tieħu l-passi neċessarji sabiex tiġi żgurata s-sostennibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, filwaqt li tiġi ppreservata l-adeqwatezza tal-pensjonijiet. Tiżdied ir-rata tal-impjiegi fost il-ħaddiema akbar fl-età permezz ta' irtirar iktar tard, u permezz ta' iktar żvilupp fil-politika attiva tas-suq tax-xogħol u fil-miżuri tat-tagħlim tul il-ħajja.
 3. Tieħu miżuri ulterjuri fis-settur bankarju, fejn adatt, biex issaħħaħ il-karti tal-bilanċ u l-portafoll tad-dejn, bil-għan li jitjieb il-fluss tal-kreditu għall-ekonomija reali.
 4. Tieħu passi, b'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u skont il-prattiki nazzjonali, biex jitnaqqas l-iżbilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi garantiti fil-kuntratti permanenti u temporanji. Iġġedded l-isforzi sabiex jiġi indirizzat is-suq tax-xogħol parrallel li jirriżulta mix-“xogħol tal-istudenti”.
 5. Tistabbilixxi sistema li tbassar ħiliet u kompetenzi meħtieġa sabiex jinholq suq tax-xogħol li jirrispondi għalihom. Tevalwa l-effikaċja tas-servizz tal-impjeg pubbliku, partikolarment is-servizzi ta' gwida u konsulenza tal-karrieri, sabiex jittejjeb l-allinjament tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tas-suq.
 6. Tirrazzjonalizza l-professjonijiet regolati u ttejjeb il-kapaċità amministrattiva tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni, sabiex jittejjeb l-ambjent tan-negozju u jitħeġġeġ l-investiment.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

J. VINCENT-ROSTOWSKI